MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 84/2003

**Koronata u Concetta ahwa Azzopardi**

**-vs-**

**Paul Sultana u Francis u Nazzareno konjugi Sultana**

Il-Qorti,

**Preskrizzjoni Estintiva – Artikoli 2153 u 2154 tal-Kodici Civili - Htija Kontributorja ghad-danni sofferti mid-danneggjata – Hemm lok ghas-solidarjeta' ta' responsabilta' tas-sid ta' vettura flimkien mad-danneggjant, meta ta' l-ahhar ma jikkwalifikax (minhabba l-eta') bhala *authorized driver* taht polza ta' assikurazzjoni ? – Artikolu 12 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta – Damnum Emergens – Lucrum Cessans – Mara li qatt ma kellha impjieg bi qliegh.**

Rat ic-citazzjoni prezentata fid-19 ta' Awwissu 2003 u li permezz taghha l-atturi illi fit-tmienja (8) ta' Frar elfejn u

wiehed (2001) waqt li l-attrici Koronata Azzopardi kienet qeghda ssuq mohriet fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, ghall-habta ta' l-erbgha u nofs ta' filghaxija kienet involuta f'incident tat-traffiku ma' vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni ittra EAX-908 tal-marka Suzuki Alto, misjuqa mill-konvenut Paul Sultana u appartenenti lill-konvenuti Francis u Nazzarena Sultana.

Illi dan l-incident gara unikament minhabba traskuragni grassa, negligenza, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Paul Sultana fis-sewqan tieghu.

Illi konsegwenza ghal dan l-incident l-atturi sofrew danni ngenti konsistenti sew f'danni materjali, spejjez u kif ukoll telf ta' qliegh futur minhabba debilitazzjoni fizika permanenti f'gisem l-atturi.

Illi rrizulta li din il-vettura ma kienitx regolarment koperta permezz ta' licenzja skond il-ligi.

Illi ghalhekk il-konvenuti l-ohra Francis u Nazzarena Sultana huma wkoll responsabbli ghall-istess incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi u dan peress illi huma ppermettew lil binhom Paul Sultana isuq din il-vettura bin-numru EAX 908 li hija proprjeta' tal-konvenuta Nazzarena Sultana meta kienu jafu jew suppost kienu jafu li l-istess vettura ma kinitx koperta b'polza ta' l-assikurazzjoni skond il-ligi.

Illi l-konvenuti minkejja bosta interpellazzjonijiet naqsu li jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Jekk hemm bzonn tiddikjara illi l-incident oggett ta' din il-kawza gara unikament htija tal-konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2. Tiddikara illi l-konvenuti l-ohra Francis u Nazzarena Sultana huma wkoll responsabbli ghall-istess

incident billi kif spjegat hawn fuq huma ppermettew lil binhom Paul Sultana li jsuq l-istess vettura meta suppost kienu jafu li l-istess vettura ma kinitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni skond il-ligi.

3. Tillikwida d-danni kollha konsegwentement sofferti mill-atturi.

4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita f'Jannar 2002, u ta' l-ittri interpellatorji datati 4 ta' Settembru 2002 u 9 ta' Settembru 2002 u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' din il-kawza kontra d-ditta assikuratrici.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonjijiet tal-konvenuti prezentaa fis-17 ta' Ottubru 2003 u li permezz taghha eccepew:

1. Preliminarjament l-azzjoni ta' l-atturi hija preskritta fil-konfront tal-konvenuti jew uhud minnhomu dan ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-incident de quo gara unikament tort ta' l-attrici Koronata Azzopardi li kienet qed issuq il-mohriet f'nofs ta' triq minghajr licenzja jew assigurazzjoni u l-attrici Concetta Azzopardi kellha saqajha 'l barra mill-istess mohrit;

3. Illi oltre dan ma jirrizulta li kien hemm l-ebda telf ta' qliegh mill-atturi, kif qed jigi allegat fic-citazzjoni taghhom.

Rat l-atti kollha nkluz in-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-atturi fil-15 ta' Jannar 2008.

Rat ukoll il-verbal li kien sar fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2003 (fol. 12) meta gie verbalizzat: *"l-partijiet qeghdin jaqblu illi hemm provi sostanzjali li ngabru fi proceduri*

*kriminali u li l-istess partijiet disposti biex jaccettaw bhala provi f'din il-kawza"*.

Rat id-digriet moghti fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2003 li bih il-Qorti hatret lil Mr. Charles Grixti bhala perit mediku. Rat ir-rapport prezentat mill-istess perit mediku fl-1 ta' Ottubru 2004 u konfermat bil-gurament fit-22 ta' Gunju 2007 (fol. 279-284).

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

1. Il-fatti rilevanti huma s-segwenti:-

(a) Fit-8 ta' Frar 2001 sehh incident tat-traffiku bejn vettura tat-tip Suzuki Alto numru EAX-908 misjuqa mill-konvenut Paul Sultana u mohriet li kien misjuq mill-atrici Koronata Azzopardi. L-incident sehh fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex;
(b) Hekk ukoll il-vettura Suzuki Alto numru EAX-908 ma kienitx koperta minn polza ta' assigurazzjoni sabiex tinstaq minn Paul Sultana. Din il-vettura kienet registrata f'isem il-konvenuta Nazzarena Sultana. L-atturi qeghdin isostnu li l-konvenuti Francis u Nazzarena konjugi Sultana huma responsabbli ghad-danni sofferti ghaliex *"ippermettew lil binhom Paul Sultana isuq din il-vettura bin-numru EAX-908 li hija proprjeta' tal-konvenuta Nazzarena Sultana meta kienu jafu jew suppost kienu jafu li l-istess vettura ma kienitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni skond il-Ligi"* (fol. 3);
(c) Min-naha taghha, l-attrici Koronata Azzopardi kienet qeghda ssuq mohriet li ma kienx kopert minn licenzja u polza ta' assigurazzjoni u lanqas ma kellha licenzja sabiex issuq il-vettura fit-triq;
(d) Il-perit mediku rrelata li Concetta Azzopardi qeghd ssofri minn debilita' permanenti ta' 18% b'rizultat tal-griehi li sofriet fl-incident tat-traffiku mertu tal-kawza.

2. L-ewwel eccezzjoni hi fis-sens li l-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16); *"Hu cert li, ghall-finijiet tal-preskrizzjoni, il-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet kwalitajiet ta' danni: dawk li jigu minn reati veri u proprji, ossija minn fatti punibili kriminalment, f'liema kaz il-preskrizzjoni civili hija dik ta' l-azzjoni kriminali; dawk li jigu minn fatti li ma humiex reati, izda ma humiex lanqas inadempjenza kuntrattwali, cjoe' dawk derivanti minn kolpa akwiljana, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn; u fl-ahharnett dawk li jidderivaw minn inadempjenza kontrattwali, f'liema kaz hi applikabbli l-preskrizzjoni ta' l-istess obbligazzjoni (ara Kollez. Vol. XII.144; Vol. XVII.i.151; XXI.i.528; u XXIX.ii.582)"* (**Joseph Micallef nomine vs Carmelo Cassar** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' April 1953, Vol. XXXVII.i.140). Eccezzjoni li fil-kaz taghna hi minghajr bazi in kwantu:-

(a) L-incident sehh fit-8 ta' Frar 2001. Fis-17 ta' Jannar 2002 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali[1] kontra l-konvenut Paul Sultana li permezz taghha nterpellawh jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni li sofrew b'rizultat ta' l-incident mertu tal-kawza. Fit-18 ta' Jannar 2002 il-konvenut gie notifikat bl-ittra ufficjali. Fid-19 ta' Awwissu 2003 giet prezentata l-kawza. M'hemmx dubju ghalhekk li t-terminu ta' sentejn ma lehaqx iddekkorra mid-data ta' l-incident sad-data meta giet prezentata l-kawza, in kwantu l-preskrizzjoni giet interrotta bl-ittra ufficjali prezentata fis-17 ta' Jannar 2002. Dan qieghed jinghad bla pregudizzju ghal kwistjoni l-ohra jekk din il-preskrizzjoni hijiex applikabbli ghall-mertu tal-kawza in kwantu l-Artikolu 2154 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"Dwar il-preskrizzjoni ta l-azzjoni civili ghall-hlas tal-hsarat ikkagunati b'reat, ghandhom jitharsu r-regoli li hemm fil-Kodici Kriminali, ghall-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali"*.

Il-Qorti taqbel ma' l-insenjament espress mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[2] fil-kawza **Isabelle Borg et vs Robert**

[1] Saret riferenza ghaliha fic-citazzjoni u giet prezentata kopja man-nota ta' sottomissjonijiet.
[2] Imhallef Tonio Mallia.

**Galea et** deciza fid-19 ta' Ottubru 2007: *"Biex jigi determinat jekk agir jikkostitwixxix reat jew le, mhux mehtieg li jkunu ittiehdu proceduri kriminali fil-kuntest ta` dak l-agir, u lanqas li l-kontro-parti tkun passibbli ghall-procedura kriminali. Jista` jkun li, minhabba diversi cirkostanzi, l-awtorita` kompetenti ma tkunx tista` tiehu proceduri kriminali in konnessjoni ma` dak l-agir, jew li l-proceduri ma jkunux jistghu jittiehdu kontra l-kontro-parti, pero`, l-agir xorta wahda jitqies reat, kopert, ghall-fini tal-preskrizzjoni, bl-artikolu 2154"*. Skond l-Artikolu, 225 tal-Kodici Kriminali:

*"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinsab hati, il-piena......."*.

Reat li japplika wkoll meta ghalkemm ma ssehhx mewt, minhabba l-fatt imsemmi fl-Artikolu 225, issir offiza involontarja fuq il-persuna.

F'dan ir-rigward, ir-riferenza li ghamlu l-atturi ghall-gurisprudenza hi korretta. Fil-fatt jidher li hu pacifiku li *"Fil-kawza "Tabone vs Zammit" deciza mill Prim Awla tal-Qorti Civili fis 16 ta' Ottubru, 1971 il-Qorti irriteniet li fil-kaz ta' danni sofferti b'konsegwenza ta' incident stradali li fiha l-attur allegatament sofra debilita permanenti il-preskrizzjoni applikabbli hija dika kontemplata fl-artikolu 2154"* (**Joseph Zammit vs Joseph Bonello et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Ottubru 2004).

(b) Fil-konfront tal-konvenuti l-ohra Francis u Nazzarena konjugi Sultana, il-htija li qeghda tigi addebitata lilhom hi li ppermettew lil binhom isuq il-vettura meta ma kienitx koperta minn polza ta' assikurazzjoni. Hekk ukoll taht l-Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta` Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta` Terzi Persuni (Kap. 104), hu hati ta' reat **kull min** ihalli lill-persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq meta ghall-uzu tal-vettura minn dik il-persuna l-ohra, ma tkunx issehh polza ta` sigurta' dwar ir-riskji ta` terzi persuni. Ghalhekk anke f'dan ir-rigward l-

Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap. 16) m'huwiex applikabbli.

3. Ghal dak li hu l-mertu, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-incident sehh unikament tort tal-konvenut Paul Sultana. Il-verzjoni moghtija *a tempo vergine* mill-konvenut Paul Sultana (fl-atti tal-inkjesta)[3] taqra hekk:-

*"Jiena kont niezel mit-Triq tax-Xhajma (Rabat Road) fid-direzzjoni min-Nadur ghar-Rabat ghall-habta ta ' l-4.30 p.m. Kont qed insuq il-vettura Suzuki Alto bin-numru tar-registrazzjoni EAX 908.*

*X'hin kont niezel kien hemm ix-xemx faccata f'ghajnejja u malli ghaddiet ix-xemx, ftit 'il quddiem minni rajt mohriet u mara bil-qeghda fuq il-karru tal-mohriet b'saqajha imdendlin 'l isfel, thares fid-direzzjoni tieghi.*

*Jiena ippruvajt nersaq lejn in-naha tal-lemin tat-triq biex naqla' l-mohriet izda l-mohriet ghamel l-istess manuvra peress illi mal-genb tat-triq fuq in-naha tax-xellug kien hemm karrozza ipparkjata.*

*Bil-vettura tieghi tajt daqqa fuq in-naha ta' wara tal-mohriet. Ippruvajt naghfas il-brakes u fil-fatt hallejt il-brakemarks izda kien too late.*

*Mad-daqqa il-mara ta' wara bdiet twerzaq u dik li kienet qed issuq tilfet il-kontrol tal-mohriet. Jiena rajt il-mohriet idur xi tlett darbiet fuqu innifsu u kien dak il-hin li messew mal-vettura li kienet ipparkjata"* (fol. 78).

Bl-istess mod, fl-okkorrenza li ghamel PS261 Raymond Caruana, il-verzjoni moghtija mill-konvenut Paul Sultana hi s-segwenti:-

*"Whilst driving along Rabat Rd in the direction of Victoria, I was temporarily blinded by the sun and as I was about to overtake an agriculture tractor with a lady sitting on the*

[3] Paul Sultana xehed dakinhar li sehh l-incident fuq il-post (fol. 67).

*back of the said trailer with her feet hanging out of the trailer. I hit the said trailer and the lady's leg. And as I hit the trailer. Although I applied the brakes it was too late"* (fol. 101).

Fil-fehma tal-Qorti, minn dan jirrizulta li l-konvenut wera nuqqas fiz-zewg dmirijiet ewlenin li jorbtu lil kull sewwieq ghal dak li jikkoncerna responsabbilta': (a) l-obbligu li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi tal-madwar u (b) li jzomm ruhu attent bizzejjed ghal dak li qed jigri quddiemu[4]. Wiehed irid iqies ukoll li:-

(a) Il-vettura l-ohra kienet mohriet li min-natura tieghu m'ghandux velocita' qawwija;
(b) Mill-provi ma rrizultax li s-sewwieq tal-mohriet ghamlet xi manuvra li biha setghet hasdet lill-konvenut. Skond l-attrici Koronata Azzopardi, *"nghid li l-mohriet kien miexi bil-mod hafna u meta wasalt ftit 'il fuq mill-karrozza li kien hemm ipparkjata man-naha tax-xellug, gbidt ftit lejn in-naha tal-lemin tat-triq biex nevita l-karrozza. Dan ghamiltu qabel il-habta"* (fol. 80)[5].
(c) Il-konvenut pogga lilu nnifsu f'sitwazzjoni li ma kinitx tahseb ghall-eventwalita' (kif fil-fatt kien il-kaz) li jkun hemm xi vettura jew bniedem fil-qrib, u li b'hekk jevita li jsehh xi incident minhabba traskuragni tieghu. Hu minnu li mill-provi ma rrizultax li kien qieghed isuq b'velocita' eccessiva, tant hu hekk li fl-okkorrenza jinghad li l-vettura tieghu halliet *"a brake mark of 1.10 mtrs"* (fol. 101). Pero' l-konvenut stess qal li x-xemx kienet qeghda *"faccata f'ghajnejja"*. Il-konvenut messu kien pacenzjuz u mhux ghazel li jipprova jaghmel manuvra ta' sorpass f'dak l-istadju, iktar u iktar meta faccata tieghu kien hemm persuna bilqgheda f'karru u b'saqajha mperprin fuq barra. F'dawk ic-cirkostanzi l-attur kellu jiehu prekawzjonijiet biex izomm distanza adegwata mill-karru u qabel jibda l-

[4] *"hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi bhal ma huma l hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' lart, u rapporti ohra kontingenti; u hu anki dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out', liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli"* – **Giuseppa Debono –vs- Philip Camilleri *et***, Appell Civili, 23 ta' Frar 1962 (Vol. XLVI P I p 112).
[5] Meta xehedet fl-atti tal-inkjesta.

manuvra ta' sorpass jaghti avviz li kien ser jaghmel hekk billi jdoqq il-horn. L-obbligu ta' sewwieq prudenti hu li jizgura li manuvra ta' sorpass jista' jibdiha u jispiccaha minghajr ebda xkiel. Jekk il-konvenut kellu vizwali ta' dak kollu li kien qieghed jigri quddiemu, kif suppost kellu, messu ra li kien hemm vettura pparkajata fil-gemb[6]. Jekk imbaghad il-mohriet kien jinsab fl-istess trajettorja ta' din il-vettura pparkjata bilfors kien ser ikollu jixref il-barra biex ighaddi ma' gemb din il-vettura. Dan apparti l-fatt, li l-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut kien ghadu ma bediex il-manuvra ta' sorpass ghaliex l-impatt sar bejn il-parti ta' quddiem tal-vettura tieghu u l-parti ta' wara tal-karru li kien qieghed jingibed mill-mohriet (ghalkemm jidher li l-impatt ircevewh saqajn Concetta Azzopardi). Kull sewwieq ghandu obbligu li f'kull hin ikollu kontroll fuq il-vettura u jzomm distanza adegwata mill-vettura ta' quddiemu.

Meta l-konvenut Paul Sultana xehed fil-proceduri kriminali (seduta tad-19 ta' April 2005)[7] biddel il-verzjoni in kwantu qal li *"qlajt lejn in-naha ta' barra ta' dik lane biex naqbzu, u x'hin kwazi wasalt hdejh, minghajr l-ebda indikazzjoni, u minghajr ma tat kaz, x'inhu jigri warajha, qabdet u qasmitli ghan-nofs. Ippruvajt inzomm il-karrozza, imma missejthom"*. Qal ukoll li din il-manuvra ma saritx mis-sewwieq tal-mohriet sabiex tghaddi ma' gemb il-karrozza li kienet ipparkjata u anzi li din il-vettura *"kienet hafna 'l boghod l-isfel dik. Zgur li dak il-hin ma hargitx 'il barra minhabba l-karrozza pparkjata fil-genb, ghax kien hemm hafna l-isfel"* (fol. 173). Verzjoni li hi kontradetta minn dak li xehed l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz li qal li mill-indagni li ghamel kien irrizulta li l-incident sehh *"lejn nofs it-triq, peress li l-mohriet ried izomm daqs xejn 'il barra biex jghaddi minn mal-karrozza pparkjata jigifieri"* (fol. 156). Sahansitra l-konvenut wasal biex ighid li l-mohriet baqa' miexi fi triqtu (*"baqghet sejra qisu ma gara xejn"*[8]) u kien hu li baqa' jsuq wara l-mohriet sabiex jattira l-attenzjoni tax-xufier biex tieqaf ghaliex *"jiena rajt illi l-ohra kienet mugugha, u ridt inwaqqafha biex nghinha"* (fol. 178). Verzjoni li qatt ma semmiet qabel tant li meta xehed

[6] Meta xehed fil-proceduri kriminali qal li l-vettura pparkjata ma rajhiex.
[7] Fol. 164-166.
[8] Fol. 178.

fl-atti tal-inkjesta qal li mal-impatt is-sewwieq tal-mutur tilfet il-kontroll u *"....rajt il-mohriet idur xi tlett darbiet fuqu innifsu u kien dak il-hin li messew mal-vettura li kienet ipparkjata"* (fol. 78). Fil-fatt jirrizulta li wara l-impatt il-mohriet baqa' diehel fil-vettura Citroen Saxo bin-numru FRA 368 li kienet ipparkjata. Il-Qorti hi moralment konvinta li fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2005 il-konvenut Paul Sultana ma kienx qieghed jaghti l-verzjoni tal-fatti kif grat fir-realta'. Dan apparti l-fatt li anke l-eccezzjonijiet tal-konvenuti (przentata fis-17 ta' Ottubru 2003) ma tirrifletti bl-ebda mod il-verzjoni li hareg biha l-konvenut fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2005 fil-proceduri kriminali. Fil-fatt hu jattribwixxi l-htija tal-incident lill-konvenuta Koronata Azzopardi ghaliex *".... kienet qed issuq il-mohriet f'nofs ta' triq minghajr licenzja jew assigurazzjoni....."* (fol. 10) u mkien ma jissemma li din ghall-gharrieda harget ghan-nofs tat-triq minghajr ebda indikazzjoni.

4. Il-fatt li l-konvenuta ma kellix licenzja biex issuq il-mohriet fit-triq, m'hijiex fattur li wahedha ssarraf fi htija ghall-incident. Dan ma kienx il-fattur determinati ghalfejn sehh l-incident. F'dan ir-rigward hi rilevanti l-osservazzjoni li kienet ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Maria Vella Galea vs Oreste Sammut** deciza fil-5 ta' Ottubru 1998: "*riflessjonijiet kontravenzjonali li bl-ebda mod ma jincidu fuq irregolamenti li s-sewwieq kien obbligat josserva ghal sewqan prudenti u li ma jkunux rilevanti ghall-elementi ta' fatt li jikkostitwixxu l-eventi li taw lok ghas-sinistru, huma naturalment passibbli u punibbli f'sede ohra, imma m'ghandhomx u m'ghandux ikollhom rilevanza biex jigi stabbilit min kellu htija ghall-incident*". F'dik l-istess sentenza gie osservat ukoll li ***"Hu ovvju illi dak li huwa essenzjali ghall-fini tad-determinazzjoni tar-responsabbilta' ghas-sinistru hi d-dinamika ta' l-eventi li graw immedjatament qabel l-impatt u li kienu determinanti jew li kkontribwew ghall-incident"***. Hekk ukoll fil-kawza **Grima vs Farrugia** (Vol. XXIX.ii.150) il-Prim'Awla tal-Qorti Civili osservat li: *"Il-fatt li kien (il-konvenut) isuq minghajr licenzja hija certament kontravvenzjoni li tassoggetta lil min ikkommettiha ghas-sanzjonijiet tal-Ligi Kriminali in*

*segwitu ghall-proceduri tal-Pulizija; pero' ghar-responsabbilta' tad-danni fil-linja civili mhux bizzejjed il-fatt pur u semplici tal-ezistenza tal-kontravvenzjoni. Biex dak il-fatt jiddetermina r-responsabbilta' civili, hemm bzonn li jkun* ***<u>il-kawza prossima tad-disgrazzja</u>****"* (enfazi u sottolinejar tal-Qorti). Mela r-ricerka li trid taghmel il-Qorti hu li tistabilixxi x'kienet il-kawza prossima li tat lok ghall-incident, li fil-kaz taghna ma kienx is-sewqan ta' l-attrici Koronata Azzopardi.

5. Min-naha taghha Concetta Azzopardi xehedet[9] li *"Dakinhar ta' l-incident jien kont fil-mohriet li kienet qed issuq ohti nata. Jiena kont fuq wara fil-kaxxa tal-mohriet. Jiena kont qed inhares u cioe' bilqeghda nhares lura.* ***Saqajja kienu mdendlin 'l isfel mill-karru. F'hin minnhom rajt vettura se tibqa' gejja ghal fuqi u baqghet diehla fuq saqajja.*** *Dak il-hin Nata waqqfet il-mohriet"* (enfazi tal-Qorti - fol. 82). Meta xehedet fil-proceduri kriminali (seduta tat-12 ta' Novembru 2003)[10] regghet ikkonfermat li fil-hin ta' l-incident hi kienet fuq il-parti ta' wara tal-karru u saqajha kienu qeghdin imdendlin lejn it-triq; *"hin minnhom tfaccat karrozza, u laqtitli s-saqajja, u f'idejja wkoll fejn tajritli s-sebgha tan-nofs ta' idi l-leminija, u parti minn naha tad-difer ta' l-index finger ta' l-id ix-xellugija"*. Il-konvenut qieghed isostni li l-attrici Concetta Azzopardi kellha tort ghall-incident ghaliex *"kellha saqajha 'l barra mill-istess mohriet"* (*recte*, mill-karru tal-mohriet). Min ikun ikkontribwixxa ghall-hsara li jbaghti, *"....il-qorti, fil-likwidazzjoni ta' l-ammont tad-danni li ghandhom jihtallsu lil dik il-parti, tiddecidi, fid-diskrezzjoni taghha,* ***f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkazzjoni ghall-hsara li batiet****, u l-ammont tad-danni li ghandu jithallas lilha mill-persuni l-ohra li jkunu dolozament jew bla ma riedu ikkontribwew ghal dik il-hsara, jigi mnaqqas f'dik il-proporzjoni"* (Artikolu 1051 tal-Kodici Civili). Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-fatt li l-attrici kienet qeghda fuq in-naha ta' wara tal-karru b'saqajha t-tnejn iperpru barra kien agir irresponsabbli

[9] Fil-kors tal-inkjesta magisterjali.
[10] Fol. 123-124.

min-naha taghha. Ma kienx difficli ghaliha li tapprezza li jekk jigri dak li fil-fatt gara, kienet ser twegga' serjament. Fil-fatt l-ewwel impatt kien ma' saqajha. Dan hu kaz klassiku ta' negligenza kontributorja min-naha tad-danneggjat. Kif wisq tajjeb gie osservat fil-kawza **G. Falzon vs Felice**[11], *"Il-ligi fl-Art. 757 tal-Kodici Civili[12], ghall-finijiet tal-kontribuzzjoni tad-danneggjat stess ghad-dannu, ma tehtiegx necessarjament kolpa fil-veru sens, imma tikkuntenta anki b'semplici mprudenza: kelma uzata mil-ligi stess"*. Fil-kawza **Froom vs Butcher** (1975), li kien jittratta dwar nuqqas ta' passiggier li jilbes seat belt, Lord Denning osserva: *"**The question is not what was the cause of the accident. It is rather what was the cause of the damage**. In most accidents on the road the bad driving, which causes the accident, also causes the ensuing damage. But in seat belt cases the cause of the accident is one thing. The cause of the damage is another. The accident is caused by the bad driving. The damage is caused in part by the bad driving of the defendant, **and in part by the failure of the plaintiff to wear a seat belt**. If the plaintiff was to blame in not wearing a seat belt, the damage is in part the result of his own fault. He must bear some share in the responsibility for the damage: and his damages fall to be reduced to such extent as the court thinks just and equitable. In Admiralty the courts used to look to the causes of the damage: see The Margaret [1881] 6 P.D. 76. In a leading case in this court, under the Act of 1945, we looked to the cause of the damage: see Davies v. Swan Motor Co. (Swansea) Ltd. [1949] 2 K.B. 291, 326. In the crash helmet cases this court also looked at the causes of the damage: see O'Connell v. Jackson [1972] 1 Q.B. 270. So also we should in seat belt cases"*. L-attrici kellha u setghet facilment tipprevedi li meta tkun ghaddejja minn triq principali tezisti l-possibilta' li jsehh incident tat-traffiku anke jekk is-sewwieq tal-mohriet kienet qeghda ssuq bil-mod u li bil-posizzjoni li kienet hadet fil-karru kienet qeghda tpoggi lilha nnifisha f'periklu car u manifest. Ghalkemm hu minnu li l-fatt li saqajn l-attrici kienu

[11] Prim'Awla tal-Qorti Civili – Vol. XXIX.ii.117.
[12] Illum Artikolu 1051.

qeghdin barra mill-karru ma kienux il-kawza ghalfejn sehh l-incident, dan il-fatt wassal sabiex l-attrici twegga' serjament. Danni li facilment setghu gew evitati mehud ukoll in konsiderazzjoni li d-dinamika tal-incident ma kienitx xi wahda kbira u kif diga' gie osservat il-konvenut ma kienx qieghed isuq b'velocita' sfrenata. Tant hu hekk li l-attrici l-ohra (Koronata Azzopardi) li kienet qeghda ssuq il-mohriet, ma garrbet l-ebda griehi. Lanqas mhi skuza li wiehed jipprova jargumenta li l-posizzjoni li kienet fiha l-attrici fil-karru kien l-uniku post fejn setghet toqghod. Kif rajna, ma kien hemm xejn x'jipproteggiha u l-Qorti m'ghandix dubju li kien hemm nuqqas ta' l-attrici li tiehu hsieb ragonevoli ghas-sigurta' tal-persuna taghha. L-agir ta' l-attrici ikkontribwixxa ghall-hsara li sofriet fl-incident in kwistjoni. Il-Qorti hi konsapevoli tal-fatt li hemm gurisprudenza lokali li hi tal-fehma li sabiex ikun hemm negligenza kontributorja f'materja ta' kollizjoni, in-negligenza trid tkun tali li minghajrha l-incident ma kienx isehh. Madankollu din il-Qorti ma taqbilx ma' din l-interpretazzjoni limitattiva ghalkemm mill-provi rrizulta li l-kollizjoni *per se* grat bi htija tal-konvenut. Il-posizzjoni ta' saqajn l-attrici hu fatt li fih innifsu hu kolpuz u li bih l-attrici kkontribwit ghall-hsara li garrbet. Fil-kawza **Froom v Butcher** (fuq citata), Lord Denning osserva: *"negligence depends on a breach of duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself"*[13]. Il-Qorti taqbel li mal-fehma li *"If the claimant has contributed to the accident he will be taken to have contributed to his injuries as well if these were more likely than not not to result from the accident.* ***But he may also be contributorily negligent without having caused an accident in any way by, for example, failing to wear a seat-belt and as a consequence suffering more extensive injuries than he otherwise would have done"***[14].

[13] *The Modern Law of Negligence*, R.A. Buckley, Butterworths (1993) pagna 66.
[14] *Markesins and Deakin's Tort Law,* Edizzjoni 6, Oxford (2008) pagna 895.

Imbaghad hu mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, meta hemm htija kontributorja tad-danneggjat, li tistabilixxi l-proporzjon li fiha hu kkontribwixxa ghal jew ikkaguna l-hsara li garrab, minghajr xi regola prestabilita mil-ligi stess li tisabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari li jkollha quddiemha l-Qorti. Il-Qorti tqies li fil-kaz taghna dan il-proporzjon ghandu jkun ta' hamsa u tletin fil-mija (35%) mill-htija.

6. Ghal dak li huma danni, dawn gew maqsuma hekk:-

(a) **Koronata Azzopardi** – Sebgha u ghoxrin euro u erbgha u erbghin centezmu (€27.44) ekwivalenti ghal hdax-il lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm11.78) relatati ma hsara li garrab il-mutur fl-incident in kwistjoni (ara ricevuta a fol. 226);

(b) **Concetta Azzopardi** -

**Damnun Emergens**

i. **Xiri ta' medicini u konfermati b'ricevuta** (fol. 219-224) – mija u hamsa u erbghin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm145.58). L-attrici qeghda tippretendi wkoll is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) ohra bhala hlas ta' medicini. Pero' l-Qorti hi tal-fehma li n-nuqqas li jigu prezentati dawn ir-ricevuti ma jintitolax lill-attrici ghall-hlas. Kif zammet u pprezentat ir-ricevuti l-ohra, wiehed jistenna li kienet taghmel l-istess fir-rigward tar-ricevuti l-ohra. Dan iktar u iktar meta kienet taf li kienet qabdet it-triq biex taghmel proceduri gudizzjarji.
ii. **Visti tat-tabib Dr. Mario Saliba** (fol. 209-218) – sebgha u erbghin lira Maltija (Lm47);
iii. **Xiri ta' hrieqi** (fol. 224) **-** tlieta u ghoxrin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu (Lm23.46);
iv. **Hlasijiet ghal sessjonijiet ta' fizjoterapija –** tnejn u hamsin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm52.50). Ghalkemm ma gewx prezentati ricevuti, il-Qorti hi tal-fehma li dan l-ammont m'huwiex gholi u l-konvenuti ma kkontestawx li l-attrici kienet qeghda tircievi

din il-kura. L-istess argument japplika fir-rigward ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) ghal visti lil Dr. Martin Cutajar.

v. **Xiri ta' siggu comode (fol.** 203) – disgha u ghoxrin lira Maltija (Lm29);

vi. **Xiri ta' massage chair (fol.** 225) – mija u erbghin lira Maltija (Lm140). Il-Qorti ser takkorda dan il-hlas mehud in konsiderazzjoni li qeghda tifhem li mid-data ta' l-incident l-attrici qeghda tqatta' l-parti kbira tal-gurnata bilqeghda minhabba nuqqas ta' mobilita'.

vii. **Hlas ta' mitejn u hmistax-il lira Maltija (Lm215) lil Ganni Azzopardi** – hlas li sar mill-attrici bhala kumpliment[15] u li jirreferi ghaz-zmien li ghamlet rikoverata l-isptar. Hlas li sar lill-kugin taghha talli kien iwassal lill-ohtha, Rosaria Azzoaprdi, l-isptar xi tlett darbiet fil-gimgha. Il-perjodu hu mit-8 ta' Frar 2001 sal-12 ta' Marzu 2001 (Lm200)[16] u mit-13 ta' Mejju 2002 sal-15 ta' Mejju 2002 (Lm15)[17]. Ammonti li jibqghu dejjem sindakabbli mill-Qorti ghaliex alternattivament ikun ifisser li d-danneggjat facilment japprofitta ruhu meta hu maghruf li ghandu jaghmel mill-inqas spejjez li huma riversabbli fuq id-danneggjant, u li f'dan il-kaz ser tigi limitata ghas-somma ta' tmenin lira Maltija (Lm80). Il-fatt li l-attrici deherilha li ghandha taghmel dan il-kumpliment lill-kugin ma jfissirx li l-Qorti hi marbuta b'dak li ddecidiet minn jeddha l-attrici. Dan iktar u iktar mehud in konsiderazzjoni li Ganni Azzopardi hu familjari tal-attrici u hu stess ikkonferma li qatt ma talab flus ghall-pjacir li kien qieghed jaghmel lill-kugina (fol. 234).

viii. **Hlas ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) lil Maria Azzopardi –** Dan ukoll hu hlas li sar bhala kumpliment lil mara ta' Ganni Azzopardi. Ma nghatawx dettalji ta' kemm damet tinghata din l-ghajnuna. Il-fatt li familjari jaghtu daqqa ta' id lill-membru tal-familja m'ghandux awtomatikament iwassal biex ikompli jizdied il-kap tad-danni fuq id-danneggjant. Il-Qorti qeghda fuq bazi ta' *arbitrio boni viri* tirrevedi dan l-ammont ghas-somma ta' sebghin lira Maltija (Lm70).

ix. **Hlas ta' tmienja u tletin lira Maltija (Lm38)** (fol. 199-201) **-** ghal wheelchair u walking frame.

---

[15] Ara xhieda ta' Rosaria Azzopardi li nghatat
[16] Fol. 196.
[17] Fol. 208.

x. **Sebgha mija u tmenin lira Maltija (Lm780)** - ghax-xiri ta' *"orthopaedic sleep system with Merino under over blanket and orthopaedic pillows"* (fol. 225). Il-hlas m'huwiex jintalab biss ghas-saqqu imma wkoll ghal *"Merino under over blanket"*. Il-Qorti tifhem li l-attrici, minhabba n-nuqqas ta' mobilita', qegha tqatta' iktar hin fis-sodda (ghalkemm Ganni u Mary konjugi Azzopardi jghidu li tqatta' l-gurnata kollha fis-sodda, il-Qorti m'hijiex konvinta minn din l-asserzjoni in kwantu ma rrizultax li hemm dan il-bzonn). F'kull kaz pero' l-Qorti ser tinkludi taht il-kap ta' *damnum emergens* is-somma ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400), liema somma qeghda tigi ffissata *arbitrio boni viri* sabiex teskludi "*"Merino under over blanket".*

xi. **Mitejn u tletin lira Maltija (Lm230)** – ghax-xiri ta' sofa bed. Il-Qorti qeghda tifhem li din inxtrat minn Rosaria Azzopardi sabiex tkun tista' torqod hdejn ohtha. Ghalhekk il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-ispiza saret mill-attrici u dan l-ammont mhux ser jigi nkluz fid-danni li qeghda tippretendi l-attrici.

Total ta' elfejn erbgha mija u tnax-il euro u sittax il-centezmu (€2,412.16) ekwivalenti ghall-elf u hamsa u tletin lira Maltija u erbgha u hamsin centezmu (Lm1,035.54) minn liema ammont irid jitnaqqas hamsa u tletin fil-mija (35%) minhabba l-htija kontributorja tal-attrici Concetta Azzopardi.

**<u>Lucrum Cessans.</u>**

L-attrici qeghda tippretendi s-somma ta' tlettax-il elf u wiehed liri Matlini u sitta u sebghin centezmu (Lm13,001.76) taht dan il-kap ta' danni. Jirrizulta li fid-data ta' l-incident (8 ta' Frar 2001) l-attrici kellha tlieta u hamsin (53) sena[18]. L-attrici (xebba) qatt ma hadmet u l-uniku dhul taghha kien mill-pensjoni ta' dizabilita. Jirrizulta wkoll li kienet taghmel xoghol ta' tindif fid-dar (ara xhieda ta' ohtha Rosaria Azzopardi in kontro-ezami li nghatat fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2007 (fol. 246-251). Ma tressqux

[18] Ara rapport li ghamel l-Ispettur Maurice Curmi (fol. 41) u rapport tal-perit Guido Vella (fol. 47).

provi dwar id-dhul ta' l-attrici u fin-nota ta' sottomissjonijiet qeghda ssostni li l-kalkoli ghandhom isiru fuq paga minima nazzjonali ta' sebgha u hamsin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm57.88) fil-gimgha. Skond l-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili (Kap. 16), id-danni li jistghu jintalbu jinkludu ***"....it-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib"***. Il-Qorti tistqarr li dan il-kap hu wiehed li johloq hafna dubji dwar il-mod kif dan il-provvediment qieghed jigi nterpretat. Fil-kawza **Carmela Busuttil vs George Micallef** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Frar 1957[19] gie osservat: *"L-art. 1088 (illum 1045), Kap. 23 (illum 16), ma jaghtix dritt ta' indennizz ghall-inkapacita' 'ut sic', imma ghall-inkapacita' in kwantu din tirrifletti telf ta' qliegh. Infatti, fil-parti finali tal-ewwel subartikolu ta' dak l-artikolu, hemm kompriz fost il-hsara rizarcibbli 'it-telf ta' qliegh li tbati l-quddiem, minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib'. Mbaghad, fit-tieni subartikolu jinghad:- 'Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita....'"*. Issir riferenza ghal dak li nghad mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Emanuel Galea vs Pierre Scicluna** deciza fit-13 ta' April 2007, fejn l-incident ma kienx effettwa l-qligh tad-danneggjat, *"kif irriteniet din l-Qorti (diversament komposta) "[i]l- ligi taghna diga` ma taghti lebda kumpens ghad-danni morali f'kazijiet bhal dawn u cioe` ma taghti l-ebda kumpens ghall-ugiegh u skumditajiet li min isofri debilita` permanenti necessarjament jghaddi minnhom. Lanqas tipprospetta kumpens ghal dak li jirrigwarda n-nuqqas tal-kwalita` ta' hajja li min ikollu debilita` permanenti necessarjament ikollu jghaddi minnha"[20]. B'hekk il-Qorti tkun qieghda twettaq ingustizzja fir-rigward ta' l-appellat jekk ma' tatihx kumpens adegwat ghad-dannu li sofra"*. Fil-fehma tal-Qorti hemm bzonn ta' intervent min-naha tal-legislatur sabiex is-suggett dwar il-likwidazzjoni ta' danni jigi ccarat darba ghal dejjem u jittiehed in konsiderazzjoni z-zmenijiet li qeghdin nghixu fihom. Il-Qrati taghna per ezempju jillikwidaw l-*lucrum cessans* anke fil-kaz ta' nisa li jahdmu

[19] Vol. XL.i.101.
[20] **Joseph Attard vs Carmelo D'Amato** deciza fit-22 ta' Ottubru 2002.

fid-dar[21] u anke kazijiet fejn id-danneggjat ikun lehaq l-eta' pensjonabbli[22] anke fejn ma jirrizultax li d-danneggjat ikun sofra telf ta' qligh. Hekk ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[23] llikwidat, pero' fuq bazi ta' *arbitrio boni viri*, somma flus lill-persuna li kienet inkapacitata mix-xoghol u tghix bl-ghajnuna socjali (**Maria Agius vs Herman Bezzina** deciza fl-20 ta' Mejju 1996). Il-Qorti kkummentat hekk: *"Il-Qorti pero' thoss li l-attrici ghandha tigi kumpensata ghal dak it-telf ta' independenza, ghalkemm limitata, li kienet qabel l-incident billi minn dak inhar 'il quddiem hi ma tista' taghmel ebda facendi fid-dar, la tohrog tixtri w ghal kull haga li jkollha bzonn tiddependi fuq terzi persuni. Il-Qorti ghalhekk qed tillikwida arbitrio boni viri is-somma ta' ghaxart elef lira bhala dik rapprezentanti Danni futuri sofferti mill-attrici minhabba d-dizabilita' sofferta"*. Dan ifisser li l-Qrati qeghdin jillikwidaw ammont pagabbli bhala *lucrum cessans* anke fejn ma jkunx hemm prova li l-hsara fir-realta' ma tkunx wasslet ghal telf ta' qligh futur. Kienet ferm f'waqtha l-osservazzjoni li ghamel l-Imhallef Noel Arrigo li kien qieghed jippresjedi fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Salamo' et vs Attard** deciza fit-23 ta' Jannar 1996[24] meta qal li *"il-maggor parti tas-sentenzi taghna invece jistriehu biss fuq il-fatt ta' disabilta' minghajr ma jsir ezami profond jekk dik id-dizabilta' hijiex verament sejra tikkaguna telf futur. Din is-sistema ma hijiex l-ahjar wahda pero' hija l-unika wahda accettabli sakemm ma jinholoqx makinarju fejn dawn il-materji ma jinghalqu qatt u allura, bhal fil-kaz ta' l-alimenti, dritt stabilit ikun jista' jigi varjat minn zmien ghal zmien skond ic-cirkostanzi……* ***Fl-izvilupp prezenti pero' tal-gurisprudenza taghna huwa forsi necessarju li l-bzonn ta' certezza u nuqqas ta'***

---

[21] Ara per ezempju **Sylvia Rosso vs Etienne Galea** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Joseph R. Micallef) fit-3 ta' April 2003; **Joseph Spiteri proprio et nomine vs Alfred Agius** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef J. Said Pullicino) fit-30 ta' Marzu 1992; **Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef R. Pace) fit-12 ta' Dicembru 2002; **Michael Ebejer et vs Emanuel sive Manuel Spiteri et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef G. Caruana Demajo) fis-16 ta' Dicembru 1997; **Saviour Sammut et vs Robert Demanuele** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef G. Valenzia) fit-12 ta' Lulju 2002 fejn id-danneggjata kellha 65 sena u kienet mara tad-dar.

[22] **Joseph Smith vs Peter Grech** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imhallef Alberto Magri) fl-4 ta' Ottubru 1995.

[23] Imhallef Alberto Magri.

[24] Citata mill-istess Qorti kif presjeduta fil-kawza **Susanne Davis et vs Anthony Galea** deciza fl-10 ta' Ottubru 1997.

***ambigwita' jimponu teorija li tesigi li kull tip ta' dizabilta' permanenti twassal ghal telf futur fil-proporzjon tal-persentagg taghha***" (sottolinejar tal-Qorti). L-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili ilu zmien twil jinghata interpretazzjoni wiesgha. Per ezempju l-kawza **Victor Savona proprio et nomine vs Dr. Peter Asphar et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell[25] kienet tittratta t-telf ta' sieq minn minuri. Minn qari tas-sentenza hu evidenti li fil-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* il-Qorti qieset is-sofferenza li ser ikollu dan il-minuri fil-kors ta' hajtu kollha, in-necessita' li jkollu assistenza kontinwa f'dak li jkollu bzonn jaghmel, apparti wkoll ikun spiccalu l-ferh tal-hajja (bhal ma jistax jirkeb rota, jilghab il-futbol). Il-Qorti spjegat li f'dan l-ezercizzju *"….kkunsidrat kemm il-bniedem irid ikun attrezzat tajjeb biex jista' jikkumbatti mad-dinja l-lum il-gurnata, l-opportunitajiet li toffri l-hajja ghal min hu b'sahhtu u jista' jlahhaq ma' l-ezigenzi taghha…."*. Konsiderazzjonijiet li saru wkoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[26] wkoll fil-kawza **Karen Zimelli vs Michael Sammut** deciza fil-15 ta' Gunju 1993. Dak li per ezempju fid-dritt Ingliz jissejjah bhala *'Loss of Amenities'* u li gie deskritt hekk: *"There are two views about the true basis for this kind of compensation. One is that the man is simply being compensated for the loss of his leg or the impairment of his digestion.* ***The other is that his real loss is not so much his physical injury as the loss of those opportunities to lead a full and normal life which are now denied to him by his physical condition – for the multitude of deprivations and even petty annoyances which he must tolerate"*** (**H. West & Son Ltd v. Shephard**, 1965)[27]. Interessanti kif fil-kawza **Michael Butler vs Peter Christopher Heard** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Dicembru 1967, gie osservat kif *"s'issa l-ligi taghna – kif ga gie rilevat fis-sentenza appellata – tipprovdi ghal kumpens ghat-telf pekunjarju biss u f'dan hi inferjuri ghal-ligijiet ta' pajjizi ohra progressive li jipprovdu anki ghal kumpens – xi drabi l-uniku possibbli, ghat-telf personali li jinkludu 'the lesser ipassment of the integrity of the body: pain and suffering, both physical and mental;*

[25] Deciza fit-23 ta' Gunju 1952 (Vol. XXXVI.i.181).
[26] Imhallef J. Said Pullicino.
[27] *Markesinis and Deakin's Tort Law*, Edizzjoni 6, Oxford (2008) pagna 1001.

*loss of the pleasures of life; actual shortening of life; and, at least in some cases, mere discomfort and inconvenience"….* ***Ta' min jawgura illi din il-fergha tal-ligi taghna ma ddumx ma tigi kif jixraq riformata****"* (enfazi tal-Qorti). Jidher pero' li l-gurisprudenza fethet l-orrizonti u hu proprju ghalhekk li hemm il-htiega ta' intervent legislattiv sabiex il-ligi tkun verament tirrifletti r-realta' li qeghdin nghixu fiha.

Ghalhekk fuq l-istess linja, il-fatt li l-attrici qatt ma hadmet ma jfissirx li b'daqshekk m'ghandix tinghata kumpens. Il-Qorti ma tarax raguni ghalfejn persuna li giet certifikata li ghandha debilita' permanenti baxxa hafna u li b'ebda mod ma kellu effett fuq il-qligh taghha, jew mara mizzewga li tahdem id-dar, jew sahansitra persuna li qabzet l-eta' pensjonabbli ghandha tinghata kumpens ghal telf ta' qligh filwaqt li l-attrici m'ghandix dritt ghaliex qatt ma hadmet. Mill-atti hu altru milli evidenti li l-attrici saret tiddependi fuq il-familjari taghha u fil-hajja ta' kuljum ma baqghetx attiva kif kienet qabel. Lanqas ma jirrizulta li l-kundizzjoni tal-attrici ser titjieb, anzi pjuttost ser tmur lura. Ghalkemm jirrizulta li qabel l-incident l-uniku dhul tal-attrici kien dak li tircievi minghand il-gvern bhala pensjnoi, il-provi juru li qabel l-incident kienet mara attiva u tippartecipa fil-facendi tad-dar. Li kieku ma kienx ghall-incident in kwistjoni m'hemmx indikazzjoni li l-attrici ma kienitx ser tibqa' tgawdi minn sahha tajba u hajja attiva.  Pero' m'hemmx dubju li l-incident kellu effett negattiv fuq il-hajja ta' kuljum taghha. Ghalhekk mehud in konsiderazzjoni ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn l-attrici m'ghandix tircievi kumpens, anke jekk ma kellix impjieg bi qligh u wisq inqas ma kien mistenni li fil-futur ikollha xi mpjieg simili. Il-Qorti ser tillikwida d-danni bis-sistema tradizzjonali. Ser taghmel il-kalkoli fuq firxa ta' ghaxar (10) snin, u dhul ta' sittin lira Maltija (Lm60)[28] fil-gimgha. Ghal dik li hi rata ta' debilita' permanenti li ffissa l-perit mediku, ma tressqu l-ebda argumenti ghalfejn din il-Qorti ghandha tiskarta l-opinjoni espressa mill-istess perit mediku. Anzi mix-xhieda li nghatat mill-istess perit mediku

[28] Paga minima nazzjonali b'sehh mill-1 ta' Jannar 2007 kienet ta' Lm59.63 (Avviz Legali 331 tas-sena 2006).

fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2007, il-Qorti tkompli tikkonvinci ruhha li d-debilita' li qeghda ssofri minnha l-attrici f'saqajha u b'rizultat tal-griehi li sofriet fl-incident. Irid isir ukoll tnaqqis ta' 10% minhabba l-*lump sum payment*[29].

Ghalhekk mehudin dawn il-kriterji l-Qorti qeghda tillikwida s-somma li hi ntitolata l-attrici Concetta Azzopardi taht dan il-kap fl-ammont ta' sebat elef sitt mija u tnejn u hamsin euro u disgha u sittin centezmu (€7,652.69) ekwivalenti ghas-somma ta' tlett elef mitejn u hamsa u tmenin lira Maltija u tletin centezmu (Lm3,285.30) [Lm60 fil-gimgha x 52 gimgha x 10 snin x 18% debilita permanenti – 10% lump sum payment – 35% htija kontributorja].

7. Fir-rigward tal-konvenuti Francis u Nazzarena konjugi Sultana, l-atturi qeghdin isostnu li huma responsabbli *in solidum* ghaliex ippermettew lill-konvenut l-iehor li jsuq il-vettura meta l-polza ta' assigurazzjoni ma kinitx tkoprih. Il-gurisprudenza lokali hi fis-sens li per ezempju sid ta' vettura hu solidarjament responsabbli ghad-danni subiti mid-danneggjat fejn jippermetti lill-persuna jsuq vettura li ma tkunx koperta minn polza ta' assikurazzjoni. Insenjament li jidher li hu bazat fuq l-interpretazzjoni li f'tali cirkostanzi l-kumpannija assiguratrici ma tkunx obbligata li taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mid-danneggjat. Hekk per ezempju f'sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Michele Palmier proprio et nomine vs Nazzareno Zammit et** deciza fis-27 ta' Gunju 1950[30] gie osservat: *"il-ligi trid li jkun hemm xi hadd responsabili ghall-hlas tad-danni; l-assikurazzjoni tindahal ghal din ir-responsabilita'; imma meta ma jkunx hemm assikurazzjoni, huwa evidenti li ghal dina r-responsabilita' jkun tenut min ikun naqas li jassikura l-vettura; altrimenti l-ligi jibda jehles minnha kulhadd; u min isofri l-hsara jibqa' li ma jkollux kontra min idur biex jithallas taghha, fil-kaz li min jikkagunaha ma jkollux mezzi biex ihallas – haga din li*

[29] Ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **E. Galea vs P. Scicluna** deciza fit-13 ta' April 2007 u sentenzi citati fiha.
[30] Vol. XXXIV.ii.605.

*hija kontra l-ispirtu animatur ta' l-istess ligi"*. L-atturi jsostnu li l-fatt li l-ghada tal-incident il-polza ta' assigurazzjoni giet estiza sabiex il-konvenut Paul Sultana jkun kopert mill-polza ta' assigurazzjoni, fiha nnifisha hi prova li Paul Sultana kien qieghed isuq bl-approvazzjoni tal-konvenuti l-ohra. F'dan ir-rigward ghamlu riferenza ghad-deposizzjoni li nghtat mill-avukat Dr. Carmelo Galea (in rapprezentanza tal-kumpannija assiguratrici[31]): *"irrizulta wkoll fid-9 ta' Frar 2001, fit-tmienja ta' filghodu, Mrs. Nazzarena Sultana talbet illi tigi emendata dika l-meangin ta' authorised driver, ovvjament billi hallset premium addizzjonali u gie illi authorised driver kien You, cioe' Nazzarena Sultana, Paul Sultana and any other person aged twenty five years and over or with your permission"* (fol. 19)[32]. M'hemmx dubju li fid-data ta' l-incident il-polza ta' assigurazzjoni mahruga minn GasanMamo Insurance Agency Limited kienet tghid li *"authorised driver"* huma l-konvenuta Nazzarena Sultana u ***"any person aged 25 years or over driving on Your order or with Your permission"*** (ara fol. 139-140). Mill-provi rrizulta wkoll li fid-data ta' l-incident il-konvenut Paul Sultana kellu dsatax (19) il-sena (fol. 99). Il-Qorti taqbel li c-cirkostanza li semmew l-atturi hi fiha nfisha ndizju li juri li l-konvenuti Francis u Nazzarena Sultana kienu jafu li l-konvenut l-iehor kien qieghed jaghmel uzu mill-vettura. B'daqshekk pero' ma jfissirx li ghandhom jigu ritenuti solidalment responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi. Fid-data ta' l-incident il-vettura kienet koperta minn polza ta' assigurazzjoni. F'dan ir-rigward issir riferenza ghal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell[33] fil-kawza **Fogg Insurance Agencies Limited nomine vs Simon Tabone** deciza fit-28 ta' April 2004, fejn il-Qorti kkummentat hekk *"rigwardata taht it-tieni aspett, senjatament l-Art. 12 tal-Kap. 104, gie sewwa ragunat mis-socjetajiet appellati illi f'kull kaz is-socjeta' assikuratrici hija obbligata li tindennizza lit-terz danneggjat ghall-hsarat sofferti u dan nonostante kwalunkwe restrizzjoni fil-polza tal-assikurazzjoni relattiva "ghall-eta' ta' min ikun qed isuq il-vettura" subparagrafu (f) ta' l-Artikolu 12(1). Ir-rimedju*

[31] GasanMamo Insurance Agency Limited.
[32] Ara wkoll dokument a fol. 141 mahrug mill-kumpannija assiguratrici.
[33] Imhallef P. Sciberras.

*akkordat mil-ligi lis-socjeta' assikuratrici hu biss wiehed ta' rivalsa kontra l-persuna assigurata"*. Fil-fatt l-Artikolu 12(1)(f) jaqra hekk:-***"****Meta certifikat ta' assigurazzjoni jigi mahrug taht l-artikolu 4(4) lill-persuna li tkun hadet il-polza, dak li fil-polza jkun qieghed biex jirrestringi l-assigurazzjoni tal-persuna assigurata minn dik il-polza b'riferenza ghal dawn il-hwejjeg li gejjin:*

*Omissis*

*(j)* ***l-età ta' min ikun qed isuq il-vettura****,*

***m'ghandu ebda effett dwar dawk ir-responsabbiltajiet li ghandhom ikunu koperti mill-polza taht l-artikolu 4(1)****. Izda xejn f'dan is-subartikolu ma jobbliga assiguratur awtorizzat li jhallas somma minhabba r-responsabbiltà ta' persuna ghal hag'ohra hlief biex tigi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, dik ir-responsabbiltà, u kull somma mhallsa mill-assiguratur awtorizzat biex tigi sodisfatta, f'kollox jew f'parti, ir-responsabbiltà ta' persuna koperta bil-polza, bis-sahha biss ta' dan is-subartikolu, tista' minnu tittiehed lura minghand dik il-persuna"*. Wahda mir-responsabbiltajiet koperti hu proprju l-feriment lil terzi persuni. Ghalhekk f'dan il-kaz partikolari l-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-fatt wahdu li taht il-polza Paul Sultana ma jikkwalifikax bhala *"authorized driver"* dan ghandu jwassal sabiex l-atturi ma jkunux jistghu jithallsu minghand il-kumpannija assiguratrici ghad-danni subiti fil-mohriet u anke dawk li sofriet fil-persuna taghha l-attrici Concetta Azzopardi. Dan in kwantu b'ligi kwalsiasi restrizzjoni f'dan is-sens li jkun hemm fil-polza ta' assikurazzjoni ma jista' jkollha l-ebda effett fil-konfront tat-terza persuna li tkun wegghet fl-incident tat-traffiku. Rajna kif il-kumpannija assiguratrici tal-vettura EAX 908 ghandha obbligu, li johrog mill-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104), li taghmel tajjeb ghad-danni li sofra t-terz. L-atturi lanqas ma ressqu xi argument ghalfejn l-imsemmi provvedimenti tal-Kap. 104 ma japplikax ghall-kaz odjern minhabba xi ragunijiet kontemplati fl-istess Ordinanza (ara f'dan ir-rigward l-Artikolu 10). Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti tqies li m'ghandix triq ohra ghajr li tichad it-talbiet ta' l-atturi in

kwantu dawn huma ndirizzati fil-konfront tal-konvenuti Francis u Nazzarena konjugi Sultana.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddecidi l-kawza billi ghar-ragunijiet fuq moghtija:-

1. Tichad l-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom.
2. Tichad it-tieni u r-raba’ talbiet tal-atturi in kwantu dawn jirreferu ghall-konvenuti Francis u Nazzarena konjugi Sultana spejjez ghall-atturi. Salv u mpregudikat kwalsiasi dritt iehor tal-atturi fil-konfront ta’ dawn il-konvenuti fl-eventwalita’ li ghal xi ragunijiet ohra tort tal-imsemmija konvenuti ma jirnexxilhomx jirkupraw il-hlas dovut minghand l-assigurazzjoni skond il-Kap. 104.
3. Tilqa’ t-talbiet tal-atturi f’dan is-sens:-
(a) Tiddikjara lil Paul Sultana responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fit-8 ta’ Frar 2001 fi Triq ir-Rabat, Nadur, Ghawdex, b’dan li l-attrici Concetta Azzopardi hi responsabbli ta’ htija kontributorja f’proporzjon ta’ hamsa u tletin fil-mija (35%) ghad-danni li sofriet fl-imsemmi incident.
(b) Tillikwida d-danni dovuti lill-attrici Concetta Azzopardi fl-ammont ta’ disat elef mitejn u ghoxrin euro u disgha u hamsin centezmu (€9,220.59) ekwivalenti ghal tlett elef disgha mija u tmienja u hamsin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm3,958.40), filwaqt li d-danni dovuti lill-attrici Koronata Azzopardi fl-ammont ta’ sebgha u ghoxrin euro u erbgha u erbghin centezmu (€27.44) ekwivalenti ghal hdax-il lira u tmienja u sebghin centezmu (Lm11.78).
(c) Tikkundanna lill-konvenut Paul Sultana jhallas lil kull wiehed mill-atturi (kif hawn fuq spjegat) is-somma likwidata permezz ta’ din is-sentenza.

Spejjez kollha jinqasmu, salv ghal dak li nghad hawn fuq, in kwantu ghal terz (1/3) pagabbli mill-attrici Concetta Azzopardi u zewg terzi (2/3) mill-konvenut Paul Sultana.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------